MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 17/2024 LM

**Julio Azzopardi (K.I. 182770M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Solar Engineering Limited (C 47487)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Solar Engineering Limited (C 47487)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-13 ta' Marzu, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata']. Ir-rikorrent **Julio Azzopardi (K.I. nru. 182770M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kien istitwixxa

proċeduri kontra s-soċjetà intimata minħabba allegata tkeċċija inġusta mill-impjieg. Permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mogħtija fit-28 ta' Frar, 2024, din il-Qorti ddeċidiet li għandha tilqa' t-tieni aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta fl-appell li għamlet mid-deċiżjoni tat-Tribunal tad-19 t'April, 2023, u għaldaqstant bagħtet l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu skont il-paragrafu (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 u tas-subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18. Permezz tad-deċiżjoni appellata tat-13 ta' Marzu, 2024, it-Tribunal iddeċieda illi:

> "*Fir-rigward tat-terminazzjoni inġusta ttrattata f'dan il-każ, fejn ġiet mitqiesa mit-Tribunal bħala eżekuzzjoni bla raġuni ġustifikata ta' dak li fil-kamp tad-dixxiplina lavorattiva hija meqjusa bħala l-piena kapitali, **dan it-Tribunal iffissa kumpens ta' €7,500**.*
>
> *Fir-rigward tad-danni reali dan it-Tribunal **iffissa kumpens addizzjonali fl-ammont ta' €1,500** u dan għall-fatt li l-appellant dam diżimpjegat xahar sakemm sab impjieg ieħor.*
>
> *F'dan il-kuntest it-Tribunal iffissa **kumpens totali dovut lill-appellant fis-somma ta' €9,000**.*"

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata b'kuntratt tax-xogħol għal terminu indefinit minn Awwissu tas-sena 2009, u l-impjieg tiegħu ġie tterminat fil-25 ta' Marzu, 2014. Qal li din it-tkeċċija ma kinitx għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi, u għalhekk talab lit-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta, kif ukoll jagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni *ai termini* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li t-temm tal-impjieg tar-rikorrent minn magħha kien wieħed ġustifikat u għal raġunijiet li tipprovdi għalihom il-liġi, fosthom minħabba tbagħbis fir-*records* uffiċjali tal-kumpannija, immaniġġjar ħażin tal-flus tal-kumpannija, nuqqas ta' tmexxija tajba tan-negozju tal-kumpannija li kien fdat f'idejh, skartar mhux awtorizzat minn fuq il-post tax-xogħol, nuqqas ta' diliġenza fit-twettiq tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet fdati lilu, nuqqas ta' dixxiplina, u nuqqas ta' lealtà lejn il-kumpannija u d-diriġenti tagħha. Skont is-soċjetà intimata, kienu dawn ir-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg magħha.

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-19 t'April, 2023, it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta u skont il-liġi, u għaldaqstant iffissa kumpens fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000), li għandu jitħallas lir-rikorrent mis-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata appellat minn din id-deċiżjoni, u permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar, 2024, din il-Qorti ċaħdet l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, u laqgħet it-tieni aggravju tagħha, u ordnat li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jagħti l-motivazzjonijiet li tikkontempla l-liġi għad-deċiżjoni tiegħu.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. It-Tribunal, permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2024, spjega r-raġunijiet għall-kumpens likwidat minnu, bil-mod segwenti:

> *"In segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 55/2023 LM fejn ordna li jintbagħtu lura l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan jagħraf jagħti*

*spjegazzjoni aktar dettaljata tal-mod kif wasal għall-komputazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lill-Appellant.*

*Dan it-Tribunal jispjega li fil-konsiderazzjonijiet prudenti tiegħu sabiex jasal għall-kumpens ġust u ekwu, evalwa l-parti fejn tirrigwardja t-terminazzjoni inġusta mill-impjieg tal-Appellant u l-parti l-oħra għal dak li huma danni reali abbinati mal-fatt li l-Appellant dam disimpjegat xahar sakemm sab impjieg ieħor.*

*Tali evalwazzjoni dan it-Tribunal għamilha fl-ambitu ta' dak stipulat fil-Kap. 452 Art. 81(2a):*

"Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dan il-kumpens it-Tribunal għandu **jqis id-danni reali u telfien** li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta **kif ukoll ċirkostanzi oħra**."

*Fir-rigward tat-terminazzjoni nġusta trattata f'dan il-każ, fejn ġiet mitqiesa mit-Tribunal bħala esekuzzjoni bla raġuni ġustifikata ta' dak li fil-kamp tad-dixxiplina lavorattiva hija meqjusa bħala l-piena kapitali,* ***dan it-Tribunal iffissa kumpens ta' €7,500.***

*Fir-rigward tad-danni reali dan it-Tribunal* ***iffissa kumpens addizzjonali fl-ammont ta' €1,500*** *u dan għall-fatt li l-Appellant dam disimpjegat xahar sakemm sab impjieg ieħor.*

*F'dan il-kuntest it-Tribunal iffissa* ***kumpens totali dovut lill-Appellant fis-somma ta' €9,000."***

## L-Appell

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-18 ta' Marzu, 2024, is-soċjetà appellanta talbet lil din il-Qorti tilqa' l-appell tagħha, u f'każ ta' nuqqas ta' kompetenza biex taqta' u tiddeċiedi l-każ b'mod definittiv, tirrimanda l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jiddeċiedi l-każ kif titlob il-liġi, u bl-ispejjeż kontra l-appellat.

7. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex it-Tribunal Industrijali baqa' ma biddel xejn mid-deċiżjoni preċedenti tiegħu, minkejja li l-atti ġew rimandati quddiemu minn din il-Qorti sabiex jiddeċiedi l-każ skont is-

subartikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 u s-subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18, u qalet li din it-tieni deċiżjoni hija agħar minn dik li kienet ingħatat l-ewwel darba mit-Tribunal. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-fehma tagħha, għal darb'oħra t-Tribunal reġa' naqas milli jagħti dettalji dwar ir-raġuni għalfejn il-kumpens ġie likwidat fl-ammont ta' €9,000, u qalet li dan reġa' ma ta l-ebda indikazzjoni dwar ir-raġuni għalfejn illikwida kumpens għat-tkeċċija inġusta fl-ammont ta' €7,500. Qalet ukoll li l-appellat dam anqas minn xahar ma sab impjieg ma' kumpannija oħra, u għalhekk il-likwidazzjoni ta' €1,500 rappreżentanti t-telf soffert minnu matul dak ix-xahar, hija żbaljata. Qalet li kien jinkombi fuq l-appellat li jipprova d-danni u t-telf soffert minnu, billi jressaq provi sa liema data huwa baqa' jitħallas mis-soċjetà appellanta, u f'liema ġurnata huwa beda l-impjieg il-ġdid tiegħu, u qalet li hija xorta waħda kienet qiegħda tħallas lill-appellant għal-*leave* mingħajr ma dan kien qiegħed imur għax-xogħol. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal straħ biss fuq il-kelma tal-appellat li huwa kellu dħul bażiku ta' €1,500 fix-xahar, iżda dan ma pproduċa l-ebda *FS3 form* jew *pay slip* sabiex juri xi dħul kellu. Qalet ukoll li kull komputazzjoni ta' telf ieħor, riedet issir abbażi tad-dħul nett tal-appellat, għaliex it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhumiex dħul attwali li jiġu perċepiti minn impjegat, u għalhekk m'għandhomx jitqiesu f'komputazzjonijiet bħal dawn. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li s-salarju bażiku li ħadem fuqu t-Tribunal, huwa wieħed esaġerat, mhux sorrett mill-provi, u fi kwalunkwe każ, minnu kellhom jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-taxxa, u kummissjonijiet għal bejgħ li l-appellat baqa' m'għamilx għaliex ma kienx qiegħed jidħol xogħol, iżda kien qiegħed jitħallas xorta waħda. Qalet li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra dan il-każ b'mod xieraq, u għalkemm

is-subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18 ma jirrikjedix mingħand it-Tribunal motivazzjoni dettaljata, il-motivazzjoni mfissra mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu tonqos gravament milli tissodisfa dak rikjest mil-liġi u hija nieqsa miċ-ċarezza. Qalet li  l-motivazzjoni sservi sabiex il-partijiet jifhmu aħjar x'kien li wassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu, mingħajr ħafna konġetturi dwar x'seta' kien l-intendiment tiegħu, iżda tipprovdi wkoll għall-possibbiltà ta' appell fejn parti ma tħosshiex sodisfatta bid-deċiżjoni dwar il-ħlas ta' kumpens li għandu jsir. Qaet li għalhekk id-deċiżjoni appellata ma tistax titqies li tissodisfa l-grad aċċettabbli tal-motivazzjoni li trid il-liġi.

8. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal qasam l-ammont ta' €9,000 f'€7,500 għat-tkeċċija inġusta u f'€1,500 kumpens għall-perijodu li fih l-appellat kien bla xogħol. Kompliet tgħid li għal darb'oħra t-Tribunal reġa' naqas milli jagħti r-raġunijiet tiegħu għal-likwidazzjoni ta' kumpens daqstant sostanzjali. Qalet li hija għandha dritt tkun taf liema huma r-raġunijiet għal-likwidazzjoni tal-kumpens li wasal għalih it-Tribunal, sabiex tkun tista' tipprevalixxi ruħha mid-dritt ta' appell skont il-liġi. Qalet li kien proprju għalhekk li din il-Qorti rrimandat l-atti lura quddiem it-Tribunal, iżda dan reġa' naqas milli jispjega liema kienu l-fatturi li kkunsidra fid-deċiżjoni tiegħu, u dan wassal għal nuqqas serju fil-proċedura, bi preġudizzju serju għad-drittijiet tas-soċjetà appellanta.

9. Is-soċjetà appellanta qalet li d-deċiżjoni appellata hija waħda nieqsa minn kull motivazzjoni, u t-Tribunal kellu l-obbligu li jispjega kif wasal għall-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat. Hawnhekk l-appellanta għamlet riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jitkellmu dwar l-obbligu tat-Tribunal li jimmotiva d-deċiżjoni dwar il-kumpens b'mod adegwat. Is-soċjetà appellanta

qalet li d-deċiżjoni appellata hija waħda xotta għall-aħħar, mhijiex ċara u ma tispjegax għal liema raġuni t-Tribunal wasal biex jiffissa kumpens daqstant sostanzjali, anzi joħloq dubji dwar jekk l-ammont likwidat kienx wieħed arbitrarju li mhux sorrett mill-provi fl-atti. Is-soċjetà appellanta qalet li l-liġi hija ċara dwar dak li t-Tribunal għandu jikkunsidra meta jillikwida l-kumpens, u meta t-Tribunal ikun qiegħed jeżerċita d-diskrezzjoni, għandu jispjega b'mod ċar u li jinftiehem kif u għalfejn ikun illikwida s-somma li jkun ordna lill-prinċipal iħallas. Qalet li għalkemm it-Tribunal għandu ċerta diskrezzjoni li hija fdata lilu bil-liġi, dan ma jfissirx li t-Tribunal jista' jaqbad u jillikwida l-kumpens kif ikun, u din hija diskrezzjoni li għandha tiġi eżerċitata b'kawtela u b'mod raġonevoli u li jagħmel sens fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Żiedet tgħid li l-prova tad-danni kienet tispetta lill-appellat li jagħmilha, *inter alia* permezz ta' dokumenti li juru li d-dħul fix-xahar ġie affettwat negattivament, u/jew li l-kundizzjonijiet tal-impjieg il-ġdid bħala *sales executive* ma' kumpannija oħra huma anqas vantaġġużi mill-kundizzjonijiet li kellu mas-soċjetà appellanta bħala *sales person.* Qalet li tali prova hija għal kollox mankanti. Qalet li fejn hemm prova li l-impjegat ikun sofra d-danni, dan għandu jedd jippretendi kumpens għat-telf li jkun sofra, iżda fil-każ odjern tali prova hija mankanti għal kollox, u l-appellat ma ġabx provi li huwa sofra telf reali u awtentiku. Qalet li l-liġi tistipula li t-Tribunal irid iqis id-danni reali, it-telf li jkun sofra l-ħaddiem li jiġi mkeċċi, u b'liema mod it-tkeċċija tkun affettwat il-potenzjal tal-impjieg tal-appellat. Spjegat li dawn huma kriterji li b'mod jew ieħor kellhom jiġu kkunsidrati mit-Tribunal, meta dan ġie biex jiffissa l-kumpens.

**Ir-Risposta tal-Appell**

10. L-appellat spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà appellanta fuq bażi indefinita bejn Awwissu tal-2009 u l-2014, meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi, u dan kif ikkonfermat mit-Tribunal Industrijali permezz tad-deċiżjoni tad-19 ta' April, 2023, u minn din il-Qorti bis-sentenza tat-28 ta' Frar, 2024. Qal li għalhekk id-deċiżjoni dwar jekk it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kinitx ġustifikata jew le, issa ngħatat b'mod definittiv. Qal li l-punt li għadu qiegħed jiġi kkontestat huwa l-ammont ta' kumpens likwidat mit-Tribunal għal din it-tkeċċija inġusta. Qal li din il-Qorti rrimandat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jispjega x'kien li wasslu għall-kumpens li ġie likwidat, u dan skont l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452. Qal li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal ikkunsidra li huwa dam xahar mingħajr impjieg, kif ukoll li d-deċiżjoni għat-tkeċċija tiegħu kienet xprunata minn ċirkostanzi li jmorru lil hinn mill-prestazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol, u abbażi tal-fatt li huwa kien ilu mal-ħames snin impjegat mas-soċjetà appellanta. L-appellat qal li b'dan l-appell tagħha, is-soċjetà appellanta qiegħda tittenta timpunja għal darba oħra d-deċiżjoni tat-Tribunal, għaliex skont hi, dan naqas milli jispjega fid-dettall għal liema raġuni llikwida kumpens fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000). L-appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda ġustifikata u timmerita konferma, iżda b'dan it-tieni appell tagħha s-soċjetà appellanta qiegħda tittenta tevita li tħallas dak li huwa dovut lilu in vista tad-deċiżjoni inġusta tagħha li tkeċċieh mill-impjieg mingħajr ebda raġuni ġustifikata fil-liġi. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta qiegħda tittenta tiddelunga l-proċeduri bejn il-partijiet, bil-għan li tkompli turi disrispett fil-konfront tiegħu.

11. L-appellat qal li wieħed irid jikkunsidra l-qafas legali li jirregola l-mod kif it-Tribunal Industrijali għandu jillikwida l-kumpens, fosthom id-danni reali u t-telf li jkun bata l-ħaddiem, kif ukoll ċirkostanzi oħra, inkluż l-età u s-sengħa tiegħu. Kompla jgħid li bil-liġi viġenti, minkejja li t-Tribunal għandu jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu, u l-mod kif jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu, il-liġi ma tpoġġix oneru ta' livell għoli in kwantu dan irid jagħti spjega dettaljata dwar kif immotiva d-deċiżjoni tiegħu. Hawnhekk l-appellat għamel riferiment għar-Regola numru 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18, li tgħid li d-deċiżjonijiet tat-Tribunal m'għandhomx jispeċifikaw bid-dettall ir-raġunijiet għad-deċiżjoni jew għas-sentenza li tingħata.

12. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta mhijiex korretta meta tgħid li huwa ġie impjegat bħala *sales executive* mal-kumpannija SSCS Industrial Cleaning Services Limited, u dan għaliex ġie ppruvat li fil-fatt huwa jaħdem bħala *sales person* u mhux bħala *sales executive,* b'kundizzjonijiet inferjuri għal dawk li kellu mas-soċjetà appellanta. Qal ukoll li huwa ġab prova li mas-soċjetà appellanta huwa kellu salarju ta' €1,500 fix-xahar, u li issa l-introjtu naqaslu b'€500 fix-xahar. Qal li t-Tribunal qies ukoll li saru allegazzjonijiet sabiex iħammġu r-reputazzjoni tiegħu, fosthom li huwa seraq mill-kumpannija, jew li abbuża mir-relazzjoni li kellu ma' oħt id-direttur tal-kumpannija, jew li kien hemm xi miżapproprjazzjoni jew abbuż fis-sistema tal-*punching* tas-sigħat tax-xogħol. Qal li dawn huma allegazzjonijiet li rriżultaw li mhumiex veritiera. Żied jgħid li fattur ieħor li ġie ppruvat huwa li Anthony Saliba, bħala direttur tas-soċjetà appellanta, avviċina lill-prinċipal il-ġdid tal-appellat u qallu biex ma jimpjegahx. Qal li s-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda argument għalfejn il-*quantum* tal-

kumpens għandu jinbidel, u huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li t-Tribunal għandu diskrezzjoni wiesgħa meta jiġi biex jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas. Qal ukoll li tali diskrezzjoni tiġi eżerċitata *boni viri* abbażi ta' apprezzament ekwu tal-mudell tal-*bonus paterfamilias,* u b'hekk jinżamm qies taċ-ċirkostanzi fattwali kollha kif rikonċiljati mal-eżerċizzju korrett tal-poteri tiegħu. L-appellat qal li prinċipju ieħor stabbilit fil-ġurisprudenza, huwa li l-motivazzjoni tal-kumpens m'għandhiex tiġi mfissra fit-tul.

13. L-appellat żied jgħid li t-Tribunal kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-provi kollha fl-assjem tagħhom quddiemu, u dan seta' juża d-diskrezzjoni fdata lilu bil-liġi biex jillikwida l-kumpens, jikkunsidra r-raġunijiet kollha u ċ-ċirkostanzi tal-każ fl-intier tagħhom. Qal li fattur ieħor li kellu jiġi kkunsidrat kien li s-salarju tiegħu mas-soċjetà appellanta ma kienx fiss, u li huwa ma kienx jitħallas għas-sigħat żejda li kien jagħmel, jew li huwa pprova japproprja ruħhu minn *commissions* ta' ħaddieħor. Qal li huwa għalhekk li l-kumpens kif likwidat ma jistax jitqies li huwa sproporzjonat u/jew irraġonevoli.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal Industrijali fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Aggravju:* *[Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija nieqsa mill-motivazzjoni; ma tirrispekkjax l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta]*

15. Is-soċjetà appellanta tgħid li minkejja li din il-Qorti kienet ordnat li l-atti jiġu rimandati lura quddiem it-Tribunal, sabiex dan jagħraf jimxi ma' dak li jipprovdi l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 billi jagħti spjegazzjoni aktar ċara u dettaljata tal-mod kif wasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000), it-Tribunal xorta waħda naqas milli jispjega kif wasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens stabbilit minnu. Fil-fatt fid-deċiżjoni appellata, it-Tribunal qasam il-kumpens ta' €9,000, billi spjega li elf u ħames mitt Euro (€1,500) qegħdin jiġu llikwidati għaliex l-appellat għamel xahar mingħajr impjieg, filwaqt li s-sebat elef u ħames mitt Euro (€7,500) l-oħra huma minħabba fil-konsegwenzi tat-tkeċċija inġusta.

16. Il-Qorti tibda billi tosserva li din it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg seħħet aktar minn għaxar snin ilu, fis-sena 2014. Il-Qorti trid tirrimarka dwar il-kwalità tad-deċiżjoni li ngħatat mit-Tribunal, wara li kien sar l-ewwel appell u din il-Qorti laqgħet biss wieħed mill-aggravji, ossija l-fatt li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet nieqsa minn spjegazzjoni dwar kif wasal għall-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat. Din il-Qorti tat direzzjoni ċara lit-Tribunal, jiġifieri li kellu josserva d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 u tas-subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18, u jispjega b'liema mod huwa wasal għall-kumpens ta' €9,000 rappreżentanti d-danni reali u t-telf li sofra l-appellat, u b'konsiderazzjoni għal ċirkostanzi oħra li tqiesu mit-Tribunal, u li jirriżultaw mill-provi. Il-Qorti ma tistax tifhem il-mod kif it-Tribunal interpreta d-direzzjoni li

ngħata mill-Qorti. Minflok ma qal preċiżament għalfejn illikwida kumpens fis-somma ta' €7,500 għat-tkeċċija inġusta u ta raġunijiet ċari għal dan, u b'liema mod wasal għall-komputazzjoni tal-kumpens ta' €1,500 għall-perijodu li l-appellat għamel mingħajr impjieg, qal biss li l-kumpens ta' €9,000 qiegħed jinqasam €7,500 għat-tkeċċija inġusta, u €1,500 kumpens addizzjonali għall-fatt li l-appellant dam diżimpjegat xahar sakemm sab impjieg ieħor. Għalkemm il-Qorti mhijiex tistenna l-livell ta' dettall li jingħata f'sentenzi tal-qrati ċivili meta dawn jakkordaw kumpens għal danni sofferti, imma sabiex jiġi sodisfatti r-rekwiżiti tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452, il-livell ta' dettall li għandu jingħata jrid ikun aktar sostanzjali minn dak mogħti mit-Tribunal.

17. Il-Qorti tgħid li ma jistax ikun li minn żewġ volumi ta' provi u minn daqstant dokumenti li ġew esebiti in atti, it-Tribunal ma sab xejn x'jgħid dwar ir-raġuni għalfejn dehrlu li għandu jillikwida kumpens fl-ammont ta' €7,500 għat-tkeċċija inġusta. Din id-deċiżjoni kellha ttieħed abbażi ta' fatti u provi li jirriżultaw mill-atti. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal kellu jagħmel riferiment għall-atti, għaċ-ċirkostanzi fattwali u personali tal-appellat, u għas-salarju kurrenti tiegħu li jirriżulta mill-atti, meta jiġi biex jispjega b'liema mod huwa wasal għall-ammont ta' kumpens mogħti minnu. Sfortunatament għall-appellat, il-punti msemmija minnu fir-risposta tal-appell tiegħu, bl-ebda mod ma jgħinu s-sitwazzjoni tiegħu, għaliex ir-riżultanzi fattwali li jagħmel riferiment għalihom fir-risposta tiegħu, kellhom jiġu kkunsidrati mit-Tribunal fid-deċizjoni tiegħu, u mhux mill-appellat. Kien it-Tribunal li kellu l-obbligu jispjega għal liema raġuni huwa alloka kumpens fl-ammont ta' €9,000, u mhux ikun l-appellat li jgħid għal liema raġuni fil-fehma tiegħu dan l-ammont huwa ġust u meritat.

18. Il-Qorti tirrileva wkoll li kull parti li tersaq quddiem is-sistema ġudizzjarja għal rimedju, għandha tingħata smigħ xieraq u deċiżjoni mingħajr dewmien. Fil-każ odjern, l-appellat ilu jistenna kważi għaxar snin biex issir ġustizzja miegħu. L-anqas ħaġa li kienet tistenna din il-Qorti mit-Tribunal, kienet li l-ordni ċara mogħtija minnha tiġi osservata, u li tingħata deċiżjoni li verament tkun tirrispekkja dak li tgħid il-liġi. Għaldaqstant, u in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmula diġà, din il-Qorti qiegħda għal darb'oħra tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jimxi ma' dak li qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza fl-aqsar żmien possibbli.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tilqgħu, u tordna sabiex l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal ħalli jieħu konsiderazzjoni ta' dak kollu li qalet il-Qorti f'din is-sentenza, u jiddeċiedi l-każ skont kif jirrikedju l-paragrafu (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452, u s-subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**